IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2019
COM(2019) 410 final

2019/0191 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi d-deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri fil-faża tal-iżvilupp jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-"WTO") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li testendi d-deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-Ftehim ta' Marrakesh jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim.

### 2.2. Il-Konferenza Ministerjali u l-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali għandha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.

Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn laqgħa oħra tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX, id-WTO tieħu d-deċiżjonijiet b'kunsens.

### 2.3. L-att previst tal-Konferenza Ġenerali tad-WTO

Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, obbligu impost fuq membru jista' jiġi rinunzjat f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

B'segwitu għal talba min-naħa taċ-Ċilì, taċ-Ċina, tal-Indja, tat-Tajlandja u tat-Turkija (il-"kosponsers"), il-Kunsill Ġenerali tad-WTO se jadotta deċiżjoni li testendi d-deroga eżistenti tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), b'konformità mak-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO (l-"att previst").

Id-deroga eżistenti għall-pajjiżi l-anqas żviluppati skadiet fit-30 ta' Ġunju 2019. Għaldaqstant, il-fini tal-att previst huwa l-estensjoni tad-deroga mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2029.

L-att previst se isiru vinkolanti fuq il-Membri tad-WTO b'konformità mal-paragrafu 3 tal-Anness IX, kif ukoll mal-paragrafu 2 tal-Artikolu II tal-Ftehim tad-WTO, li jipprevedi: "Il-ftehimiet u l-istrumenti legali assoċjati fosthom l-Annessi 1, 2 u 3 <…> huma partijiet integrali minn dan il-Ftehim, u vinkolanti fuq il-Membri kollha".

## 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-kosponsers talbu li d-deroga eżistenti tad-WTO fir-rigward tal-obbligi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-GATT 1994 tiġi estiża b'mod li l-pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jagħtu trattament tariffarju preferenzjali lill-prodotti tal-LDCs, li jkunu definiti bħala tali min-

Nazzjonijiet Uniti, mingħajr il-bżonn tal-estensjoni tal-istess rati tariffarji għal prodotti simili ta' kwalunkwe Membru ieħor mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2029.

Il-kosponsers ressqu din it-talba b'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO. Huma jiġġustifikaw it-talba billi jirreferu għall-vulnerabbiltà partikolari tal-LDCs u għad-diffikultajiet strutturali speċjali li dawn il-pajjiżi qegħdin iħabbtu wiċċhom fl-ekonomija globali, kif ukoll l-importanza li tittejjeb il-parteċipazzjoni effettiva fis-sistema kummerċjali multilaterali billi jagħtuhom aċċess sinifikanti għas-suq sabiex tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-bażi tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni tagħhom.

Din se tkun it-tieni estensjoni tad-deroga tat-trattament tariffarji preferenzjali għall-LDCs, li għall-ewwel ingħatat fil-15 ta' Ġunju 1999 sat-30 ta' Ġunju 2009[1], u ġiet estiża fis-27 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2019[2].

L-estensjoni tad-deroga la taffettwa l-ekonomija tal-Unjoni b'mod negattiv u lanqas ma taffettwa r-relazzjonijiet kummerċjali mal-benefiċjarji ta' din id-deroga. L-Unjoni tagħti aċċess sħiħ mingħajr dazji u kwoti lil-LDCs permezz tal-inizjattiva tagħha Kollox Ħlief Armi u hija favur l-isforzi tal-Membri tad-WTO, fosthom tal-pajjiżi fil-faża tal-iżvilupp, li jipprovdi trattament tariffarju preferenzjali lil-LDCs ukoll. Barra minn hekk l-Unjoni tqis li hemm il-bżonn ta' strument legali li jippermetti lill-pajjiżi fil-faża tal-iżvilupp jagħtu dawn il-preferenzi, meta jiġi kkunsidra li l-klawsola ta' abilitazzjoni tad-WTO tippermetti biss lill-Membri żviluppati li jagħmlu dan. Għaldaqstant, il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali jenħtieġ li tkun waħda li tappoġġa l-estensjoni tad-deroga.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"[3].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim tad-WTO.

L-att li l-Kunsill Ġenerali qed jintalab jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu II u mal-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

1 WT/L/304.

2 WT/L/759.

3 Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

*4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4).

### 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## 5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO se jemenda d-dispożizjonijiet tal-Ftehim tad-WTO fir-rigward tad-derogi, jixraq li, wara l-adozzjoni tiegħu, dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2019/0191 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi d-deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Marrakesh jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu II tal-Ftehim tad-WTO, "il-ftehimiet u l-istrumenti legali assoċjati fosthom l-Annessi 1, 2 u 3("Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali") huma partijiet integrali ta' dan il-Ftehim, u huma vinkolanti fuq il-Membri kollha".

(3) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX, f'ċirkostanzi eċċezzjonali il-Konferenza Ministerjali jista' jiddeċiedi li jidderoga minn obbligu tal-Ftehim tad-WTO li jkun impost fuq Membru jew minn kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.

(4) Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO stabbilixxew il-proċeduri għall-għoti ta' derogi fir-rigward tal-Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali fl-Anness 1A jew 1B jew 1C tal-Ftehim tad-WTO u l-annessi tagħhom.

(5) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali għandha jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali.

(6) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn laqgħa oħra tal-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-"WTO"), il-Kunsill Ġenerali tad-WTO għandu jmexxi l-funzjonijiet tagħha. Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX, id-WTO tieħu d-deċiżjonijiet b'kunsens.

(7) Fil-15 ta' Ġunju 1999, il-Membri tad-WTO taw deroga mill-obbligi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-GATT 1994 b'mod li l-pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jagħtu trattament tariffarju preferenzjali għall-prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, li jkunu definiti bħala tali min-Nazzjonijiet Uniti, mingħajr il-bżonn tal-estensjoni tal-istess rati tariffarji għal prodotti simili ta' kwalunkwe Membru ieħor mit-30 ta' Ġunju 2009. Fis-27 ta' Mejju 2009, il-Membri tad-WTO estendew id-deroga mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2019.

(8) B'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, iċ-Ċilì, iċ-Ċina, l-Indja, it-Tajlandja u t-Turkija (il-"kosponsers") ressqu talba biex il-Kunsill Ġenerali jieħu deċiżjoni li jestendi d-deroga eżistenti tad-WTO sabiex il-pajjiżi

Membri fil-fażi tal-iżvilupp ikunu jistgħu jagħtu trattament tariffarju preferenzjali lil pajjiżi l-anqas żviluppati mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2029.

(9) Il-kosponsers jiġġustifikaw it-talba billi jirreferu għall-vulnerabbiltà partikolari tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u għad-diffikultajiet strutturali speċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom fl-ekonomija globali, kif ukoll l-importanza li tittejjeb il-parteċipazzjoni effettiva fis-sistema kummerċjali multilaterali billi jagħtuhom aċċess sinifikanti għas-suq sabiex tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-bażi tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni tagħhom.

(10) L-estensjoni tad-deroga la taffettwa l-ekonomija tal-Unjoni b'mod negattiv u lanqas ma taffettwa r-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni mal-benefiċjarji ta' din id-deroga. Barra minn hekk, l-Unjoni tagħti aċċess għas-suq mingħajr dazji u kwoti lill-pajjiżi l-anqas żviluppati taħt l-iskema ta' Kollox Ħlief l-Armi u hija favur li Membri oħrajn tad-WTO wkoll jipprovdu preferenzi kummerċjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

(11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex jingħata appoġġ lit-talba tal-kosponsers li jestendu d-deroga, b'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, billi l-estensjoni tad-deroga se tkun vinkolanti fuq il-Membri tad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li jingħata appoġġ għad-deroga tad-WTO li tippermetti lil pajjiżi Membri fil-fażi tal-iżvilupp jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali fir-rigward ta' prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2029.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*